MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Numru. 570/2013

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**
**DGHEEM HUSSEIN ISMAIL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Dgheem Hussein Ismail ta’ 50 sena, bin Ismail u Fatima mwieled Gaganas Syria, residenti 91, Triq San Publiju, San Pawl il- Bahar, mwieled 10 ta’ Frar 1963 u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 417795M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 13 ta’ Gunju 2013 u dati ta’ wara f’ Malta kellu fil-pussess tieghu passaporti mahruga lil terzi persuni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat dahal lura Malta mis-safar u kellu fuqu zewg passaporti ta’ membri tal-familja tieghu, li kien qed izommhom sabiex dawn ma jintilfux u jinzammu f’post aktar sikur. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, il-Qorti mhix ser tapplika piena li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna, izda sejra taghti provvediment ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 3(b) tal- Kap 61 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------